# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' April, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 654/06/1 AF**

**Maestro Joseph Gatt**

**v.**

**Lawrence Scicluna u digriet tat-8 ta' Novembru 2021 stante l-mewt ta' Lawrence Scicluna l-atti ġew trasfużi f'isem Joanne (Josephine-Ann) Scicluna u Tanya Wadge**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi dwar l-appell tal-attur mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fis-27 ta' Ottubru, 2016.

2. Il-kawża titratta dwar mużika liturġika u sagra li l-attur qal li kkompona, ikkompila jew ikkopja u li jirreferi għalihom bħala spartiti. L-attur allega li l-konvenut għamel fotokopji tagħhom mingħajr il-kunsens tiegħu u għalhekk ħarrku sabiex jirritornahom u biex iħallsu d-danni. F'dan ir-rigward mar-rikors maħluf l-attur ippreżenta rendikont tal-mużika li qiegħed jallega li huma fil-pussess tal-konvenut. Dawn jinkludu mużika fejn taħt il-kolonna 'Awtur' jissemmew membri tal-familja Nani. Il-provi juru li l-partijiet kienu għamlu żmien jikkolaboraw flimkien. Il-konvenut kien jintbagħat bil-mużika fit-tmexxija tal-orkestra bħala sostitut tal-attur. L-attur semma żewġ festi, ta' Ħ'Attard u tas-Siggiewi, meta jissuspetta li l-konvenut għamel kopja tal-mużika li dwarha l-attur jsostni li għandu d-dritt tal-awtur.

3. Fir-rikors maħluf preżentat fis-17 ta' Lulju 2016 l-attur talab lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-uniku sid ta' dawn l-ispartiti.*
>
> *2. Tordna lill-konvenut sabiex jirritorna dawn il-fotokopji li qeghdin fil-pussess tieghu; u*
>
> *3. Tillikwida d-danni li huwa sofra minhabba l-uzu li l-konvenut illegalment ghamel mill-proprjetà tieghu u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas dawn id-danni."*

4. Fit-tweġiba l-konvenut ċaħad li għandu spartiti ta' mużika proprjetà tal-attur. Kompla li kif iddikjara l-attur fil-premessi tar-rikors maħluf, kull m'għandu huma suspetti u xejn iktar.

5. B'sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet it-talbiet tal-attur. L-Ewwel Qorti *inter alia* rraġunat hekk:

> *" ….. l-attur kellu l-oneru li jipprova li huwa jgawdi minn drittijiet tal-awtur tax-xogħolijiet li jsemmi, u li dawn instabu fil-pussess tal-konvenut. Iżda fil-fehma tal-Qorti, dan l-attur ma rnexxilux jagħmlu.*
>
> *L-ewwel nett il-Qorti tirrileva li l-attur lanqas biss esebixxa kopja tal-ispartiti li huwa jgħid illi għandu dritt fuqhom u li skont hu qegħdin fil-pussess tal-konvenut. L-uniċi żewġ spartiti li ġew esebiti huma dawk deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 1038/2006 u dawn ġew esebiti mill-konvenut. Il-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuq dokumenti fl-arja u għaldaqstant ċertament ma tistax tilqa' t-talbiet tal-attur fir-rigward ta' dawn l-ispartiti li l-attur isemmi biss.*
>
> *Fir-rigward taż-żewġ spartiti li ġew esebiti mill-konvenut, il-Qorti ssib illi l-attur naqas ukoll milli jippreżenta l-kopja oriġinali tagħhom li huwa jgħid illi għandu u li huma tiegħu, u għaldaqstant jidher li l-attur qiegħed jippretendi li l-Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu u tiddikjara li huwa s-sid ta' dawn l-ispartiti sempliċiment għaliex l-attur u t-tifla tiegħu Marie Claire Gatt, li xehdet fil-mori ta' dawn il-proċeduri, jgħidu li huma qegħdin jagħrfu dawn iż-żewġ ispartiti u li dawn jappartjenu lill-attur bħala arranġamenti oriġinali tiegħu. Il-Qorti mhijiex konvinta b'din is-sempliċi dikjarazzjoni imma kien jispetta lill-attur li jressaq xhieda u provi oġġettivi li jikkorroboraw dawn id-dikjarazzjonijiet li l-ispartiti esebiti huma filfatt dawk l-arranġamenti oriġinali tal-attur. Setghet giet ipprezentata kopja tal-ispartiti oriġinali sabiex il-Qorti tkun tista' tivverifika jekk dawn humiex l-istess spartiti, jekk ikun il-każ bl-għajnuna ta' esperti fil-qasam tal-mużika.*
>
> *L-attur ma ressaq ebda prova konklussiva li l-ispartiti li nstabu fil-pussess tal-konvenut, u ċioè dawk deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni, jappartjenu lilu u li l-konvenut għamel xi kopja tagħhom mingħajr il-permess tiegħu. In kontro eżami huwa jgħid biss illi l-mużika esibita hija arranġament tiegħu iżda ma jispjegax kif qiegħed jagħraf din il-mużika. Huwa jerġa jagħmel riferenza għall-spartiti li jgħid illi ġew għandu mingħand ħaddieħor speċifikament jgħid 'kopji ta' karti illi huma kopji ta' dokumenti bin-notamenti tiegħi' imma hawn ukoll naqas milli jesibixxi dawn l-ispartiti. L-attur ma jressaq ebda prova konkreta li l-ispartiti elenkati fid-dokument anness mar-rikors ġuramentat qegħdin f'idejn il-konvenut. Huwa jgħid illi sar jaf li mużika tiegħu indaqqet minn ħaddieħor mingħand terzi u ċioè membri tal-orkestra li skont huwa jkunu esegwew ix-xogħol tiegħu, imma ma ressaq ebda provi jew xhieda sabiex isahhu din id-dikjarazzjoni. L-attur jgħid illi huwa jaf bħala stat ta' fatt illi ħaddieħor daqq l-ispartiti li huma arranġamenti oriġinali tiegħu, iżda mhux talli kif diġà ngħad qatt ma esebixxa dawn l-ispartiti, talli ma ressaq ebda prova li dawn l-ispartiti li jgħid illi huma xogħolijiet oriġinali tiegħu indaqqu minn terzi.*

*Il-Qorti ma tqisx bħala kredibbli x-xhieda ta' Marie Claire Gatt, bint l-attur, li kienet preżenti meta ġie eżegwit il-mandat ta' deskrizzjoni imsemmi. Hija tgħid illi waqt l-esekuzzjoni tal-mandat hija għarfet il-kitba ta' missierha fuq l-ispartita bl-isem 'Tanto Ergo in Sol' meta jirriżulta li l-ispartita indikata mill-marixxal hija 'Tanto Ergo in Fa'. Tgħid illi ġibdet l-attenzjoni tal-marixxal biex iniżżel din l-ispartita pero` għal xi raġuni il-marixxal ma nnotahiex. Tenut kont tal-fatt illi kull ma nstabu kienu żewġ spartiti u ċioe l-antifona 'Spiritus Sanctus' u 'Tanto Ergo in Fa' fil-pussess tal-konvenut, mhuwiex verosimili li bi żvista tħalliet xi waħda barra. Fi kwalunkwe każ, kien jispetta lill-bint l-attur li kienet preżenti għall-eżekuzzjoni tal-mandat li tieħu ħsieb illi l-marixxal jelenka l-ispartiti kollha.*

*Ix-xhieda li ressaq l-attur kollha jikkonfermaw li huma ma ngħataw ebda spartiti mingħand il-konvenut u li l-mużika oriġinali tal-Maestro Nani qiegħda depożitata fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina minn fejn il-kappillan ta' kwalunkwe parroċċa jista' jagħmel talba għal-kopja tagħha. Filfatt, il-konvenut esibixxa kopja ta' korrispondenza mal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina f'dan is-sens.*

*Fi kwalunkwe każ, għalkemm fl-affidavit tiegħu l-attur jenfasizza li kien il-konvenut biss illi kellu aċċess għal dawn l-ispartiti, in kontro eżami jsemmi persuni oħra li ġieli kienu jdoqqu l-mużika tiegħu. Huwa jgħid illi dejjem kien jibgħat membru tal-familja sabiex jassigura ruħu li dawn l-ispartiti ma jiġux ikkupjati, ġieli anke lil bintu li dak iż-żmien kellha għaxar snin, iżda b'daqsekk ma jfissirx illi ħadd aktar ma seta' jagħmel kopji ta' dawn l-ispartiti meta kienu fil-pussess tagħhom.*

*Lanqas huwa ċar jekk l-ispartiti elenkati fid-dokument annessmar-rikors ġuramentat humiex kollha arranġamenti oriġinali tal-attur jew jekk dawn jinkludux ukoll dawk tal-Maestro Nani. Dan qiegħed jingħad għaliex fil-maġġor parti, dawn l-ispartiti semmija li fuqhom jippretendi dritt l-attur, huma indikati li huma tal-Maestro Nani.*

*Minkejja s-sentenza Maestro Joseph Gatt vs Reverendu Kappillan Joe Magro noe msemmija, l-attur xorta waħda donnu qiegħed jippretendi xi drittijiet fuq il-mużika tal-Maestro Nani. In kontro eżami jgħid hekk dwar l-iskrittura tal-1978 li kienet il-mertu ta' dik il-kawża, 'Jien ninsisti illi minn din l-iskrittura privata jien għandi dritt fuq il-mużika.' Iżda imbaghad ikompli billi jgħid illi 'Ħafna minn din il-mużika rranġajtha jien.' Aktar 'l quddiem jispeċifika li huwa kkonċernat biss mill-mużika li rranġa hu u mhux dik oriġinali tal-Maestro Nani iżda naqas milli jispjega jekk fir-rigward tal-ispartiti li huwa jelenka huwiex qiegħed jirreferi unikament għall-arranġamenti oriġinali tiegħuperess illi fil-maġġor parti huma indikati f'dan l-elenku li jappartjenu lil Maestro Nani kif ukoll lil ċertu 'Alessio' li l-attur ma jgħidx min hu.*

*Il-konvenut jiċħad illi huwa għandu xi mużika li hija tal-attur. Huwa jgħid illi filfatt għandu fil-pussess tiegħu xi wħud mill-ispartiti li hemm indikati fl-elenku eżebit mill-attur iżda jispjega minn fejn ġabhom.*

> *Filwaqt illi fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jinterpreta din id-dikjarazzjoni bħala ammissjoni li l-konvenut għandu fil-pussess tiegħu spartiti li jappartjenu lill-istess attur, fil-fehma tal-Qorti din l-interpretazzjoni hija żbaljata in kwantu li dawk l-ispartiti li jgħid illi għandu l-konvenut huma indikati fl-elenku li huma tal-Maestro Nani u l-konvenut qiegħed jirreferi għal dawn l-ispartiti oriġinali tal-Maestro Nani li jinsabu fil-Mużew tal-Katidral u mhux dawk illi l-attur jgħid illi huma arranġamenti oriġinali tiegħu.*
>
> *Huwa veru li l-konvenut jistqar illi ma jafx min huwa l-awtur tal-arranġamenti li jinsabu fil-pussess tiegħu iżda l-Qorti hija tal-fehma li ma tressqet ebda prova li tikkonvinċiha mqar fuq bażi ta' probabbiltà li dawn l-ispartiti huma tal-attur".*

6. B'rikors preżentat fil-15 ta' Novembru 2016 l-attur appella mis-sentenza filwaqt li l-konvenut wieġeb fit-13 ta' Frar 2017 u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

7. Fl-aggravju l-attur jilmenta li fetaħ il-kawża *"..... sabiex jingħatawlu lura mill-pussess tal-konvenut spartiti tal-mużika li huma arranġamenti oriġinali li għamel hu"*. Żied li l-prova saret b'dak li xehed hu u bintu li kienet preżenti waqt l-eżekuzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 1038/2006 li nħareġ fuq talba tiegħu. Fatt li qal li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox. Żied li l-konvenut stess ammetta li għandu fil-pussess tiegħu spartiti li jissemmew fir-rendikont mehmuż mar-rikors maħluf. Dawn jinkludu Ego Sum Nicholaus, Gabriel Angelus, Paolo Sacrati, u Tantum Ergo diretto in Sol. Arrangamenti li l-attur qal li għamel hu. Qal ukoll li l-kawża tal-lum m'għandhiex x'taqsam mal-mużika tal-Maestro Nani, iżda kompożizzjonijiet oriġinali tiegħu. Jinsisti li, l-arranġamenti li għamel mill-

mużika tal-Maestro Nani għandhom jitqiesu bħala xogħol oriġinali tiegħu koperti mid-dritt tal-awtur.

8. Il-Qorti tibda biex tosserva li kien l-attur stess li fir-rendikont datat 12 ta' Lulju 2006 li għamel distinzjoni bejn dik il-mużika li l-awturi tagħhom kienu Nani u l-mużika li hu l-awtur tagħha. Fejn tissemma l-mużika ta' membru tal-familja Nani, ma jingħadx li l-mużika tikkonsisti f'arranġament tiegħu.

9. L-attur ma ressaq l-ebda xhud li jikkonferma li l-konvenut tah kopja ta' mużika li l-awtur tagħha hu l-attur. F'dan ir-rigward issir referenza għal dak li xehed is-surmast Dione Buhagiar, xhud li ressaq l-attur. Għalkemm l-attur fl-affidavit qal li l-kopji li għandu fil-pussess tiegħu x-xhud *"... ħarġu biss permezz ta' Lawrence Scicluna billi hu ikkupjahom u għadda kopja tagħhom lil Maestro Dion Buhagiar"*, ix-xhud qal *"Mingħand Lawrence Scicluna qatt ma rċevejt mużika"* (seduta tal-4 ta' Frar 2009). Xehed ukoll is-surmast Hermann Farrugia Frantz li kkonferma li kien idoqq il-mużika tan-Nani Cappella li kien jiġbor mill-arkivju tal-Katidral fl-Imdina. Xhud ieħor tal-attur li fl-ebda parti tad-depożizzjoni ma kkonferma li kellu mużika tal-attur fil-pussess tiegħu. Saħansitra, minn korrispondenza li ppreżenta l-konvenut, irriżulta li l-Mużew tal-Katidral kien jawtorizza l-użu ta' mużika ta' Nani depożitata fil-mużew (ara ittra datata 19 ta' Mejju 1997

a fol. 136). Mużika li f'dak il-każ irtira l-konvenut mill-Mużew għan-nom tal-Kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Balzan.

10. L-allegazzjoni tal-attur kif spjegata fir-rikors maħluf hi li:

> *"2..... xi spartiti tal-mużika li kien ikkompona, ikkompila jew ikkopja, setgħu ġew fotokopjati, u dan mingħajr il-kunsens tiegħu, iżda f'dak il-mument kellu biss suspett li dan seta' kien il-konvenut"*.

11. Imbagħad meta xehed in kontroeżami qal li l-kawża hi dwar *"mużika tiegħi, arranġamenti tiegħi, illu uża s-sur Scicluna. Għakemm biċċa mużika tkun oriġinarjament miktuba minn kompożitur, min jagħmel l-arranġament fuq din il-mużika għandu d-drittijet tal-awtur tiegħu"*.

12. Mela jekk il-konvenut għandu l-kopji fil-pussess tiegħu, suppost l-attur għandu l-oriġinal. Però l-attur ma ppreżenta l-ebda oriġinal jew kopja ta' dak li jirreferi għalih bħala x-xogħol artistiku tiegħu u li jallega li l-konvenut ħa kopja tiegħu. Saħansitra fl-istess att ġudizzjarju ammetta li riċentement kienet ġiet f'idu *"4.... kopja ta' wieħed minn dawn l-ispartiti u l-provenjenza tiegħu kienet mill-konvenut"*. Dwar dan ma ressaq l-ebda prova.

13. Fl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni 1038/2006 li nħareġ fuq talba tal-attur, jissemmew 'Spiritus Sanctus' u 'Tantum Ergo in Fa'. Il-konvenut ippreżenta kopja ta' dik il-mużika. Fir-rendikont imħejji mill-attur innifsu bħala awtur u preżentat mar-rikors maħluf, bħala awtur jissemma

P. Nani. M'hemm l-ebda prova li huma arranġamenti tal-attur. Anzi l-attur xehed hekk, *"Qed niġi muri l-manuskritti a fol. 47 et seq sa fol. 76..... dawn il-manuskritti ma huma arranġamenti tiegħi u xejn minnhom mhu mertu ta' din il-kawża"*. (Il-manuskritti li ssemmew fir-riferta tal-mandat ta' deskrizzjoni.)

14. Xehdet ukoll bint l-attur, Mary Claire Gatt, li qalet li kienet preżenti waqt l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni u qalet li għarfet il-mużika 'Tantu Ergo in Sol' ta' Nani bil-kitba ta' missierha. Però fir-riferta tal-uffiċjal eżekuttiv ma tissemmiex. Lanqas m'hemm prova li wara l-eżekuzzjoni ta' dak il-mandat kien sar rikors lill-Qorti li ordnat il-ħruġ ta' dak il-mandat kawtelatorju, sabiex il-Qorti tagħti provvediment. Lanqas ma tressqu bħala xhud oħtha u l-avukat ta' fiduċja tagħhom, li qalet li kienu preżenti. Dan minkejja li x-xhud qalet li, *"Lill-marixxal jiena kont ġbidtlu l-attenzjoni meta rajt it-Tantum Ergo in Sol"* u li baqa' ma xehedx.

15. Għalkemm l-attur semma il-festi ta' Ħ'Attard u s-Siġġiewi li dwarhom tnissel fih suspett fil-konfront tal-konvenut, dwar il-festa:

i. Ta' Ħ'Attard ma tressaq l-ebda xhud li kkonferma li wara li l-partijiet ma komplewx jikkollaboraw, il-konvenut kien imexxi l-orkestra ddoqq mużika tal-attur jew li kien ta lil ħaddieħor mużika tal-attur;

ii. Tas-Siġġiewi, fis-seduta tat-3 ta’ Frar 2010 kien xehed l-arċipriet Albert Buhagiar li spjega li kien ilu 8 snin arċipriet. Spjega li l-mużika li kienet tindaqq fil-festa hi tan-Nani cappella, li kienet tinżamm fl-arkivju tal-Katidral. Rilevanti wkoll hi d-depożizzjoni tas-surmast Dione Buhagiar li kien jipparteċipa fil-festa u li *inter alia* kkonferma li qatt ma rċieva mużika mingħand il-konvenut. Ix-xhud surmast Hermann Farrugia Frantz ukoll qal li kien ilu mis-sena 2007 jeżegwixxi mużika fil-festa tas-Siġġiewi. Dan ix-xhud ukoll ikkonferma li l-mużika kienet tinġieb mill-arkivju tal-Katidral tal-Imdina u wara jirritornawha. Ix-xhud ma qalx li l-konvenut tah xi mużika.

16. Kuntrarjament għal dak li argumenta l-attur, il-konvenut qatt m’ammetta li għandu fil-pussess tiegħu mużika tal-attur. Anzi qal li m’għandux (seduta 28 ta’ Ottubru 2010). Għalkemm semma mużika li qiegħda fil-pussess tiegħu, ċjoè Ego Sum Nicholaus, Gabriel Angelus, Paolo Sacrati u Tantum Ergo diretto in Sol, ta spjegazzjoni minn fejn ġabhom u m’hemmx prova li fuq dik il-mużika l-attur għandu d-dritt tal-awtur.

17. Stramb ukoll kif l-attur stenna dawk is-snin kollha biex fetaħ din il-kawża kontra l-konvenut jekk kellu l-provi li l-konvenut għandu kopji ta’

mużika li fuqha l-attur qal li għandu d-dritt tal-awtur. Irriżulta li l-partijiet ma komplewx jikkollaboraw flimkien mis-sena 1992. Imbagħad fit-28 ta' Ġunju 2001 l-attur talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 2016/2001) kontra l-konvenut u l-Kappillan ta' Ħal Balzan għaliex qal li qiegħda tindaqq mużika tan-Nani capella fis-servizzi liturġiċi ta' matul il-festa ta' Ħal Balzan u li ppretenda li hi proprjetà tiegħu. Imkien ma jissemma li l-konvenut kellu fil-pussess tiegħu mużika oħra li fuqha l-attur għandu d-dritt tal-awtur. Il-pretensjoni tal-attur kienet biss fuq il-mużika tan-Nani capella li skontu l-konvenut kien impussessa ruħu minnha fiż-żmien li kien jikkollabora mal-attur. Fl-ebda parti ta' dak ir-rikors ma tissemma mużika oħra. Ir-rikors kien miċħud u l-provi li hemm fl-atti juru li l-attur ma kellu l-ebda jeddijiet fuq il-mużika tan-Nani capella għaliex l-iskrittura privata li saret fis-17 ta' Ottubru 1978 ma kinitx valida peress li ma saritx b'att pubbliku (ara sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-kawża Maestro Joseph Gatt v. Reverendu Kappillan Joseph Magro, Ċitaz numru 1573/1997 deċiż fil-25 ta' Jannar 2002).[1] Sentenza konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza li ngħatat fl-1 ta' April 2005.

[1] Id-difensur tal-attur għamlet referenza għas-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-kawża Maestro Joseph Gatt v. Oliver Nani (358/2020) deċiża fit-28 ta' Jannar 2021 fejn il-Qorti kkonfermat li l-ftehim li l-attur kellu ma' Paolo Nani bl-iskrittura tas-17 ta' Ottubru 1978, kien għadu jorbot, u li *"3..... l-attur huwa s-suċċessur, amministratur u proprjetarju tan-Nani Cappella b'dak kollu li hemm stabbilit fl-iskrittura imsemmija"*. Sentenza li però ngħatat fuq l-ammissjoni tal-konvenut li għażel li ma jikkontestax il-kawża u għalhekk ma qamitx il-kwistjoni dwar il-validità tal-imsemmi ftehim. F'kull każ fil-kawża tal-lum l-attur għamilha ċara li d-disputa mhijiex dwar il-mużika tal-cappella Nani.

18. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li m'hemmx bażi biex jintlaqa' l-appell tal-attur.

Deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da